**5 ta' Lulju, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Roger de Giorgio

**Ħanut - *Substitute***

*Jekk ħanut hu liċenzjat dan hu għax ikun hemm* licencee *għalih bir-riżultat li jekk il-*licencee *jkun fuq il-post jiġġestixxi n-negozju tiegħu kollox hu regolari. Jekk minflok ikun hemm fil-ħanut ħaddieħor li ma jkunx liċenzjat biex hekk jiġġestixxi dak il-ħanut, dak li jkun ma jkunx qed jiġġestixxi bħala tali ħanut bla liċenzja, iżda jkun qed jagħmilha ta'* substitute *mingħajr id-debitu liċenzja. Konsegwentement, f'dawn il-każijiet l-akkuża għandha tkun li għamilha ta'* substitute *mingħajr liċenzja u mhux li żamm ħanut mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.*

Il-Qorti:-

Rat l-akkuża li fl-aħħar xhur qabel is-16 ta' April, 1983, l-imputat żamm ħanut tax-xorb magħruf bħala Ta' Gianpula li qiegħed fil-limiti tar-Rabat, Malta, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja tas-17 ta' Mejju, 1984 li biha wara li kkunsidrat illi:

Irriżulta li fil-perijodu indikat fit-taħrika Nicholas de Giorgio, hu l-imputat, kellu liċenzja biex iżomm "Ta' Gianpula" bħala ħanut tax-xorb;

L-imputat kien, flimkien ma' ħuh Nicholas, direttur tas-soċjetà Joris Limited, li kienet tiġġestixxi dan l-istabbiliment. L-imputat ħafna drabi kien jattendi fil-ħanut biex imexxih minflok ħuh Nicholas de Giorgio;

Mill-premess jidher li l-imputat kien talvolta qiegħed jagħmilha ta' *substitute* minflok il-persuna liċenzjata f'dak il-ħanut, iżda mhux iżomm l-istess ħanut bla liċenzja tal-Pulizija;

Ma sabitx lill-imputat ħati ta' l-akkuża dedotta previa li din ma rriżultatax, u illiberatu minnha;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li permezz tiegħu talab ir-revoka tas-sentenza appellata u l-kundanna ta' l-appellat;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

*Illi l-aggravju ta' l-appellant fi kliemu hu kif ġej:*

"L-Ewwel Qorti, filwaqt li ddikjarat li l-fatti premessi

kienu rriżultaw, illiberat lill-imputat peress li rriteniet li "l-imputat kien talvolta qiegħed jagħmilha ta' *substitute* minflok il-persuna liċenzjata f'dak il-ħanut iżda mhux iżomm l-istess ħanut bla liċenzja tal-pulizija;

Mill-premess jidher evidenti li l-Ewwel Qorti għamlet distinzjoni bejn persuna li mingħajr liċenzja tmexxi ħanut fl-assenza tal-persuna liċenzjata (*substitute*) u persuna li mingħajr liċenzja tmexxi ħanut li dwaru ma hemm ebda liċenzja. Din hi distinzjoni li mil-liġi ma teżistix;

Persuna tista' tiġġestixxi ħanut jew b'liċenzja jew mingħajrha. Jekk tiġġestixxi ħanut mingħajr liċenzja tkun qiegħda tikser il-liġi. Il-fatt li ħaddieħor għandu liċenzja biex jiġġestixxi l-istess ħanut ma jagħmel ebda differenza għaliex il-liċenzja skond il-liġi hija personali. Għalhekk, kwalunkwe persuna, *substitute*, jew le, li tiġġestixxi ħanut mingħajr liċenzja tkun qiegħda tikser il-liġi" (ara Appell: **Pulizija *vs* Joseph Polidano *et***, deċiż 25 ta' Frar, 1983);

Illi din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali għaliex essenzjalment huma spostament tal-vera kwistjoni legali involuta;

Infatti, jekk ħanut hu liċenzjat dan hu għax ikun hemm il-*licensee* għalih bir-riżultat li jekk il-*licencee* jkun fuq il-post jiġġestixxi n-negozju tiegħu kollox hu regolari. Jekk minfloku però iżda għalih u f'ismu jkun hemm fil-ħanut ħaddieħor li ma jkunx liċenzjat biex hekk jiġġestixxi dak il-ħanut, dak li jkun ma jkunx qed jiġġestixxi bħala tali ħanut bla liċenzja iżda, jkun qed jagħmilha ta' *substitute* mingħajr id-debitu liċenzja. Konsegwentement f'każ bħal dan l-akkuża għandha tkun li għamilha ta' *substitute* mingħajr liċenzja u mhux li żamm ħanut mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Ir-*ratio* wara

dan kollu hu illi xi ħadd liċenzjat jeżisti diġà u sakemm dak il-*licencee* għadu bil-liċenzja min jaġixxi minfloku jkun qed jaġixxi bħala *substitute*. Altrimenti s-sinifikat tal-kelma *substitute* titlef is-sinifikat kollu tagħha;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata.